**MOZZJONI BIEX JINĦATAR BORD TA' INKJESTA DWAR IL-PROĠETT TAL-*POWER STATION* TAL-ELECTROGAS.**

**L-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Robert Cutajar jipproponu:**

Peress li l-eks-Prim Ministru Joseph Muscat żar l-Ażerbajgan flimkien maċ-Chief of Staff tiegħu Keith Schembri u l-Kelliem tal-Gvern Kurt Farrugia, liema żjara ma kien hemm l-ebda uffiċjal tas-servizz pubbliku preżenti għaliha u liema żjara wasslet għall-iffirmar ta' fehim li permezz tiegħu l-Enemalta p.l.c. obbligat ruħha li kull sena tixtri b'kemm jiswew mija u wieħed u tletin miljun u sitt mitt elef Ewro (€131,600,000) f'gass LNG mingħand il-kumpanija Electrogas Malta Limited li da parti tagħha tixtri l-istess gass LNG mingħand il-kumpanija tal-Istat tal-Ażerbajgan, is-SOCAR (State Oil Company of the Azerbaijan Republic);

Peress li jirriżulta mill-Panama Papers li l-kumpaniji sigrieti Hearnville u Tillgate li jappartjenu lill-eks Ministru l-Onor. Konrad Mizzi u l-eks Chief of Staff Keith Schembri, kienu l-benefiċjarji ta' dħul finanzjarji mill-kumpanija 17 Black, u li l-propjetarju tagħha huwa Yorgen Fenech, allegatament involut fil-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, u sa ftit ilu, id-Direttur tal-proġett tal-Electrogas;

Peress li l-persuna li mexxiet l-evalwazzjoni fir-raba' stadju ta' aġġudikazzjoni dwar l-offerta ppreżentata mill-kumpanija Electrogas Malta Limited dwar il-proġett tal-*power station* tal-Electrogas kien il-Managing Partner tad-ditta Nexia BT liema ditta kienet ġiet appuntata wkoll bħala awditur tal-kumpanija GEM Holdings Limited li kellha u għad għandha sehem fil-kumpanija Electrogas Malta Limited;

Peress li l-Gvern Malti ta garanzija għall-ammont ta' tliet mija u sittin miljun Ewro (€360,000,000) li jirrappreżenta tmenin fil-mija (80%) tal-ammont ta' erba' mija u ħamsin miljun Ewro (€450,000,000) li ġie misluf mill-kumpanija Electrogas Malta Limited fost oħrajn mingħand il-Bank of Valletta p.l.c. u dan kollu b'rabta mal-proġett tal-*power station* tal-Electrogas;

Peress li lejlet l-elezzjoni ġenerali ta' nhar it-3 ta' Ġunju 2017, il-Gvern Malti b'mod sigriet estenda l-imsemmija garanzija;

Peress li kemm l-Awditur Ġenerali kif ukoll is-Segretarju Permanenti fil-Ministru tal-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji stqarrew li l-għoti tal-imsemmija garanzija mill-Gvern Malti lill-kumpanija Electrogas Malta Limited, kienet waħda ta' riskju kbir li ma kellux jittieħed mill-Gvern Malti;

Peress li d-*deal* għax-xiri tal-gass LNG mill-Enemalta p.l.c. mingħand il-kumpanija Electrogas Malta Limited wassal u qed ikompli jwassal għat-telf ta' għexirien ta' miljuni ta' Ewro f'fondi pubbliċi;

Peress li f'rapport ippubblikat f'Novembru 2018, l-Awditur Ġenerali sab li l-elettriku ġġenerat mill-*power station* tal-Electrogas kien bħala medja ħamsin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€50.64) aktar għola minn dak disponibbli permezz tal-*interconnector* bejn Malta u Sqallija għall-produzzjoni ta' megawatt għal perijodu ta' siegħa u li dan ifisser li l-konsumaturi Maltin u Għawdex qegħdin iħallsu kontijiet għola tal-elettriku;

Peress illi l-Enemalta, b'mod dubbjuż u kontra l-interess tal-konsumaturi Maltin, rabtet lilha nnifisha li tixtri 85% tal-enerġija ġġenerata u tal-gass ipprovdut mill-Electrogas, irrispettivament minn kemm tkun id-domanda għall-elettriku tal-ġurnata u dan kif stabbilit u kkonfermat mill-Awditur Ġenerali;

Peress illi l-Enemalta ħallset aktar minn għaxar miljun Ewro (€10,000,000) meta b'mod dubbjuż xtrat l-enerġija mill-Electrogas, li kien ħafna ogħla mill-enerġija disponibbli mill-*interconnector*, kif stabbilit u kkonfermat mill-Awditur Ġenerali, għad-detriment ta' kontijiet għola għall-familji Maltin u Għawdxin;

Peress li quddiem il-Bord ta' Inkjesta dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia s-Segretarju Permanenti fil-Ministru tal-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji stqarr li bl-intervent dirett tal-Onor. Konrad Mizzi l-Enemalta p.l.c. daħlet responsabbli biex tassorbi mal-erbgħin miljun Ewro (€40,000,000) f'taxxa tas-sisa li suppost kellha titħallas mill-kumpanija Electrogas Malta Limited u dan bi ksur ċar tal-ftehim kummerċjali bejn l-Enemalta p.l.c. u l-kumpanija Electrogas Malta Limited;

Peress li kif ġie żvelat minn The Times of Malta nhar it-13 ta' Settembru 2020, il-kumpanija Enemalta p.l.c. b'mod sigriet u abbużiv ikkonċediet lill-kumpanija Electrogas Malta Limited posponiment ta' 18-il sena biex l-istess kumpanija tħallas l-ammont ta' tmintax-il miljun Ewro (€18,000,000) f'danni dovuti lill-Enemalta p.l.c. għal dewmien biex inbniet u bdiet taħdem il-*power station* tal-Electrogas u dan sar bl-aċċettazzjoni u bl-approvazzjoni tal-Gvern immexxi minn Joseph Muscat li dak iż-żmien kien Prim Ministru;

Peress li nhar it-13 ta' Novembru 2017 u ċjoè fil-perijodu li Joseph Muscat kien Prim Ministru, il-Kabinett tal-Ministri awtorizza lill-Onor. Konrad Mizzi sabiex, minkejja li ma kienx il-Ministru responsabbli, f'isem il-Gvern Malti jiffirma numru ta' ftehim b'rabta mal-*power station* tal-Electrogas;

Peress li nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2020, il-kumpanija Gasan Enterprises Limited li għandha sehem fil-kumpanija GEM Holdings Limited, ħabbret li ddeċidiet li tirtira mill-proġett tal-*power station* tal-Electrogas u dan billi tbiegħ l-ishma tagħha fil-kumpanija GEM Holdings Limited lil terzi;

Peress li l-Gvern baqa' jirrifjuta li jippubblika d-dokumenti kollha nkluż il-korrispondenza u l-kuntratti kollha fl-intier tagħhom u mingħajr ebda ċensura dwar il-bini tal-*power station* tal-Electrogas;

Peress li jeżistu suspetti raġjonevoli li l-proġett tal-*power station* tal-Electrogas kien proġett li kien ġie miftiehem qabel l-elezzjoni ġenerali ta' nhar id-9 ta' Marzu 2013 bejn it-tmexxija tal-Partit Laburista u l-individwi u kumpaniji li għandhom sehem dirett u/jew indirett fil-kumpanija Electrogas Malta Limited u dan kif jidher mis-sensiela kbira ta' punti identiċi jew jixtieħbu ħafna fil-proposta kif mwegħda mill-Partit Laburista qabel l-elezzjoni ġenerali u dik li sussegwentament ġiet implimentata mill-Enemalta kif konfermat mill-Awditur Ġenerali, u l-ġustifikazzjoni mill-Onor. Konrad Mizzi stess li l-għażla kuntrattwali tal-Power Purchase Agreement u Gas Supply Agreement nibtet mill-proposta elettorali magħmula mill-Partit Laburista;

Peress illi kull ġimgħa li tgħaddi qegħdin ikomplu joħorġu fid-deher fatti dwar korruzzjoni u abbużi ta' poter minn persuni fdati bit-tmexxija ta' pajjiżna b'rabta mal-proġett tal-*power station* tal-Electrogas;

Peress li huwa fl-interess pubbliku li ssir magħrufa l-verità kollha dwar il-proġett tal-*power station* tal-Electrogas, iktar u iktar meta l-Awditur Ġenerali kkonkluda li numru ta' domandi b'rabta mar-reviżjoni tal-kundizzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-kuntratt, kif ukoll kwistjonijiet marbuta mal-użu tal-*interconnector*, magħmula lill-partijiet involuti baqgħu mhux imwieġba;

Peress li ma nstabx li saret analiżi dwar x'kienet tkun l-iktar għażla vantaġġjuża bejn li l-Enemalta topera l-*power station* tal-Electrogas wara li tiġi kkummissjonata, u l-għażla li effettivament saret, fejn l-impjant qed jitmexxa mill-Electrogas b'aktar spejjeż.

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li:

1. Il-Prim Ministru għandu fi żmien ħmistax-il jum mid-data li fiha tkun ġiet approvata din ir-riżoluzzjoni jaħtar Bord ta' Inkjesta dwar il-proġett tal-*power station* tal-Electrogas, skont l-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex:
    a. Jeżamina l-proċessi u azzjonijiet politiċi, amministrattivi u kummerċjali li għandhom rabta diretta u/jew indiretta mal-proġett tal-*power station* tal-Electrogas;
    b. Jidentifika x'abbużi, nuqqasijiet u ksur ta' liġi twettqu fl-imsemmija proċessi u azzjonijiet politiċi, amministrattivi u kummerċjali;
    c. Jidentifika min huma l-persuni li ordnaw, wettqu, iffaċilitaw, ippermettew, kienu konxji u/jew misshom kienu konxji tal-imsemmija abbużi, nuqqasijiet u ksur ta' liġi b'rabta mal-proġett tal-*power station* tal-Electrogas; u
    d. Jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni li l-istess Bord ta' Inkjesta jidhirlu xierqa u opportuna.
2. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkun kompost minn dak in-numru ta' persuni magħrufa għall-integrità u l-onestà tagħhom, b'wieħed minnhom iservi bħala *Chairman*, maħtura wara riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra.
3. L-Inkjesta għandha ssir fil-pubbliku iżda l-Bord ta' Inkjesta jista', meta jikkunsidra li jkun strettament hekk meħtieġ, imexxi seduti partikolari fil-magħluq u/jew jimponi restrizzjonijiet fuq l-iżvelar jew il-pubblikazzjoni ta' kull dokument jew xhieda mogħtija jew li jkun sar aċċess għaliha fl-Inkjesta b'mod illi tkun protetta l-kunfidenzjalità ta' investigazzjonijiet u ta' informazzjoni li tkun waslet taħt obbligu ta' kunfidenzjalità, iżda biss meta l-kunfidenzjalità ta' dawk l-investigazzjonijiet jew informazzjoni tkun protetta bil-liġi u/jew meta l-Bord ta' Inkjesta jidhirlu li s-smiegħ bil-magħluq jew ir-restrizzjoni tal-iżvelar jew tal-pubblikazzjoni ta' dokumenti jew xhieda jkunu strettament meħtieġa għall-protezzjoni, tas-sigurtà u tad-drittijiet tax-xhieda, ta' informazzjoni sensittiva mil-lat ta' sigurtà nazzjonali jew mod ieħor, u għall-iskansar ta' preġudizzju għal proċeduri oħra;

4. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jkollu dawk il-mezzi, ir-riżorsi u s-sostenn loġistiku li fil-fehma tal-istess Bord ta' Inkjesta jkunu meħtieġa sabiex iwettaq l-inkarigu mogħti lilu. Il-Bord ta' Inkjesta jkollu s-setgħa li jaħtar dik il-persuna jew persuni nklużi assistenti tekniċi u esperti f'oqsma partikolari biex jassistu fl-Inkjesta kif jidhirlu li jkun meħtieġ, b'dan iżda li persuni hekk maħtura għandhom jissoddisfaw l-ħtiġijiet ta' indipendenza u imparzjalità fuq l-istess livell kif meħtieġ f'qorti tal-ġustizzja;

5. Il-Bord ta' Inkjesta għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati f'dak it-terminu ta' żmien li l-istess Bord ta' Inkjesta fil-ġudizzju esklussiv tiegħu jidhirlu li jkun meħtieġ biex jaqdi l-inkarigu tiegħu u r-rapport għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra minnufih mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati u jiġi ppubblikat mill-Iskrivan tal-Kamra.

6. Il-Bord ta' Inkjesta jkollu s-setgħa li jirrestrinġi l-iżvelar ta' dawk il-partijiet tar-rapport kif huwa jqis li jkun meħtieġ biex jissalvagwardja l-protezzjoni tad-*data* personali, tas-sigurtà pubblika, tas-sigurtà nazzjonali, tal-investigazzjonijiet jew proċeduri kriminali futuri jew li jkunu kurrenti, u fejn l-iżvelar jew il-pubblikazzjoni ta' tali informazzjoni tista' tipperikola l-inkolumita fiżika ta' xi persuna u għandu jindika b'mod ċar il-partijiet li ma għandhomx jiġu pubblikati. Jekk il-Bord iqis li jkun meħtieġ li jirrestrinġi l-iżvelar ta' partijiet tar-rapport tiegħu, il-Bord ikun obbligat li jipprovdi lill-Membri tal-Kamra bl-opportunità li jaqraw ir-rapport sħiħ mingħajr tnaqqis iżda mingħajr ma tingħata kopja tat-test tal-partijiet imnaqqsa u bil-kondizzjoni li huma jkunu obbligati li ma jiżvelawx il-partijiet imnaqqsa.

L-Onor. Bernard Grech

L-Onor. Karol Aquilina

L-Onor. Ryan Callus

L-Onor. Robert Cutajar

14 ta' Ottubru 2020